repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

2 ta' Novembru 2020

**Il-Prim Ministru Robert Abela**
Auberge de Castille
Pjazza Kastilja
Valletta

Prim Ministru,

Bħal-lum tmien xhur ilu Miriam Pace inqatlet f'darha waqt li ħaddieħor kien qed jagħmel il-flus.

Fit-2 Settembru li għadda int wiegħedt li hekk kif jiftaħ il-Parlament f'Ottubru, il-Gvern kien ser iressaq liġi ġdida biex ħadd aktar ma jibqa' fil-periklu li daru issir il-qabar tiegħu.

Minn dakinhar s'issa ma smajna xejn aktar, avolja għadda Ottubru kollu u issa bdejna Novembru.

Fil-frattemp, il-Gvern ressaq erbatax-il abbozz ta' liġi, imma l-liġi biex aħna lkoll ma nkunux fil-periklu ġewwa darna mhijiex waħda minnhom.

Aħna mhux se ninsew lil Miriam, lill-familja tagħha u lill-vittmi l-oħra.

S'issa, kull persuna li hawn Malta għadha tista' tgħaddi minn dak li għaddiet minnu Miriam, minn dak li għaddejjin minnu żewġha u minn dak li għaddejjin minnu l-familja tagħha, u familji vittmi oħra.

Għalfejn il-Gvern qed isibha daqshekk diffiċli jikkontrolla r-rgħiba ta' xi wħud?

Repubblika mhux ser tinsa u mhux ser tieqaf qabel il-Gvern iwettaq dmiru bil-fatti.

**Dr Robert Aquilina**
President

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com